MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 1203/2003

**A B xebba C**
**Vs**
**Dottor Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja nominati b' digriet tas-16 ta' Dicembru 2003 kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil D B, assenti minn Malta**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-partijiet kienu ccelebraw iz-zwieg taghhom fid-9 ta' Frar 1996, fir-Registru taz-Zwieg, fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku l-Belt Valletta Malta; u

Peress illi dan iz-zwieg kien nieqes mill-elementi essenzjali tieghu u kien vizzjat b'tali mod li dak iz-zwieg kien null u inezistenti; u

Peress illi l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha; u

Peress illi l-kunsens kien ukoll vizjat in vista tal-fatt li nkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga; u

Peress illi l-kunsens kien ukoll vizzjat in vista tal-fatt li nkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Jghid ghalhekk l-istess konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti, in vista tar-ragunijiet premessi, m'ghandhiex:
1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg fuq imsemmi kien vizzjat kif fuq inghad;

2. Tiddikjara konsegwentement l-istess zwieg celebrat bejn il-partijiet fid-9 ta' Frar 1996 fir-Registru taz-Zwieg, fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku l-Belt Valletta, Malta, bhala null u inezistenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew li fol.20;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja li z-zwieg civili kkuntrattat minnha mal-konvenut fid-9 ta' Frar 1996 huwa null fil-ligi ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut, fit-termini tal-paragrafi [c][d] u [f] tal-Kap.255.

Illi l-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi; u taghtiha piena affidament.

Mill-provi rrizulta nkontestat li fid-9 ta' Frar 1996 l-attrici, mara ta' nazzjonalita' Maltija u li dak iz-zzmien kellha qrib l-erbghin [40] sena, zzewwegt lill-konvenut, ragel ta' nazzjonalita' Algerina li f'dak iz-zmien kien qieghed f' Malta bi status ta' refugjat minhabba inkwiet serju li kien hemm f' pajjizu. Minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal. Sussegwentement, fl-24 ta' Frar 2002 il-konvenut abbanduna lill-attrici kompletament u telaq lejn pajjizu, u l-attrici giet informata mill-genituri tal-konvenut li dana kien rega' izzewweg u ghandu tifla minn dak iz-zwieg.

Fix-xhieda taghha l-attrici qalet li l-konvenut ried jizzewweg malajr u kien qallha li anke hu ried tfal miz-zwieg maghha; izda meta zzewwgu dan biddel l-attitudini tieghu hesrem u kien jinsisti ma' l-attrici li ma riedx tfal u di fatti fir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom huwa kien jiehu l-prekawzjonijiet sabiex ma jkollhomx tfal. Huwa rilevanti wkoll il-fatt konfermat mill-attrici li din il-koppja kienet tghix mill-introjtu ta' l-attrici li kellha impieg fiss, u kienet sahansitra anke thallaslu s-safra ta' kull sena sabiex il-konvenut ikun jista' jzur lill-familjari tieghu. Kienet proprju din ir-raguni li l-konvenut kien ta lill-attrici meta siefer fl-24 ta' Frar 2002; izda baqa' ma giex lura, u wara diversi tentattivi da parti ta' l-attrici sabiex issalva z-zwieg taghha, sa anke siefret l-Algerija sabiex tiltaqa' mieghu, li huwa eventwalment kien ikkomunika maghha u qallha li ma kellux intenzjoni jirritorna Malta.

Mill-kwadru premess il-Qorti tosserva li jirrizulta car u manifest li l-konvenut kien izzewweg lill-attrici bi skop wiehed biss u cioe' sabiex jikkonsolida l-istatus ta' residenza li kellu f' Malta u xejn aktar. Il-komportament egoistiku li huwa kellu fil-konfront ta' martu anke meta

dawn kienu jikkoabitaw flimkien juri bic-car li dana qatt ma kellu l-intenzjoni li jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali fiz-zwieg bazati fuq unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli, diretta lejn il-konvivenza, il-prokreazzjoni ta’ l-ulied u t-trobbija ta’ l-istess, kif ukoll il-harsien tal-ben essere reciproku. Il-fatt provati juru li l-konvenut fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali kien eskluda b’ att posittiv tal-volonta’ tieghu mhux biss li jkollu ulied mill-attrici, izda z-zwieg fih innifsu. Di fatti malli kien jidher li l-posizzjoni tieghu f’ pajjizu ttrangat u dana setgha jmur jghix hemmhekk trankwillament, huwa telaq lill-attrici u beda hajja gdida hemmhekk.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehma li l-kunsens matrimonjali ta’ l-attur kien vizzjat b’ simulazzjoni kif kontemplat fil-paragrafu [f] ta’ l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255 u ghaldaqstant it-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kkuntrattat bejn il-partijiet fid-9 ta’ Frar 1996. L-ispejjez jkunu a kariku tal-konvenut nomine, izda dawk tal-kuratrui deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------